MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 137/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mercieca)**
**Vs**
**Wayne Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fil-5 ta' Mejju, 2008, ghall-habta tal-11.00 p.m., gewwa l-Belt, Valletta, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D, b'digriet datat 26 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaza ruhu gewwa r-resdienza nru. 129, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, kuljum bejn id-9.00 p.m. u s-7.00 a.m.

2. rrenda ruhu recidiv, ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.
3. Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka *"contrario imperio"* d-digriet tal-helsien mill-arrest tas-26 ta' Novembru, 2007 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Wayne Falzon. Kif ukoll li tordna li s-somma ta' elf, mija, erba w sittin Euro u disa' w sittin Euro centezmi (€1164.69), ekwivalenti ghall-hames mitt lira Maltin (LM500) bhala garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Art. 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 49, 50 u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellat hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' xahrejn, u, in vista tas-sentenza mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' April, 2008 fil-kawza Pulizija vs Kevin Gatt, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni/talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghat-telf tal-garanzija personali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza/talba w tordna l-arrest immedjat tal-appellat u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ddikjarat li kienet ser tastjeni dwar it-tieni akkuza/talba in vista tas-sentenza Kostituzzjonali tal-15 t'

April, 2008, fil-kawza "Il-Pulizija vs. Kevin Gatt". Dan ghaliex f' dik is-sentenza kien intqal biss li fejn il-proceduri jsiru ai termini tal-artikolu 579(2) (3) tal-Kodici Kriminali, ma jkunx hemm il-konfiska tad-depozitu. Izda l-Qorti dejjem tista' tordna r-ri-arrest immedjat ukoll. Hu evidenti li f' dan il-kaz, stante l-ammissjoni, kellu jsir ir-ri-arrest ukoll.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dottor Jose' Herrera ghall-appellat li ssottometta li ghalkemm is-sentenza tal-Ewwel Qorti verament kienet zbaljata, l-aggravju tal-Avukat Generali ma kienx korrett. Is-sentenza citata mill-Ewwel Qorti kienet tghid li ma tistax tibda zewg proceduri differenti fuq l-istess kaz imma l-appell tal-Avukat Generali ma kienx bazat fuq dan u l-aggravju ma kienx jaghmel sens u m'ghandux x'jaqsam mas-sentenza appellata w huwa *non sequitur* .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur Dottor Anthony Barbara li ssottometta li s-sentenza appellata kienet xotta, xotta meta ddikjarat li qed tastjeni dwar it-talba ghar-ri-arrest. Dik il-Qorti setghet tordna r-ri-arrest u proprju dan li l-Prosekuzzjoni qed titlob b' dan l-appell.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-pregudizzjali sollevata mill-abbli difensur li l-aggravju li ressaq l-Avukat Generali huwa *non sequitur* u ma ma jaghmilx sens, dan ma jwassalx ghan-nullita' tar-rikors per se. Il-*"gist"* tal-aggravju hu li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta astjeniet in vista tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Ghalkemm hu minnu li l-iskorrettezza ma kienetx dik senjalata b' implikazzjoni mill-appellant, pero' dan ma jbiddilx l-aggravju fis-sustanza, aggravju li hu konfacenti mat-talba kontenuta fir-rikors tal-appell biex din il-Qorti issa tordna r-ri-arrest. Ghalhekk il-pregudizzjali sollevata mill-appellat qed tigi respinta w din il-Qorti ser tidhol issa fil-mertu tal-appell.

Ikkonsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-appellat kien gie akkuzat li kiser il-kondizzjonijiet tal-ghoti tal-liberta' provvizorja, li fosthom kien hemm il-hin tar-rinkazar bejn id-9 pm u s-7 am. kif ukoll tar-recidiva. Flimkien ma dawn iz-zewg akkuzi, l-Prosekuzzjoni kienet talbet espressament li l-Ewwel Qorti, flimkien mall-piena applikabbli, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest tas-26 ta' Novembru, 2007 u tordna l-arrest mill-gdid tal-appellat kif ukoll li tordna li l-ammont ta' E1164.69 (ekwivalenti ghal LM500) bhala garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579 (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellat kien ammeta l-akkuzi w ma jidhirx li kien irregistra xi oppozizzjoni ghat-talba ghar-ri-arrest u ghall-inkassar tal-garanzija personali mitluba mill-prosekuzzjoni (Fol. 3 tal-process).

B' dana kollu l-Ewwel Qorti, wara li sabet lill-appellat hati fuq ammissjoni, astjeniet milli *"tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni/talba* (Sic!) *tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghat-telf tal-garanzija personali"* u dana "*in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 t' April, 2008 fil-kawza "Pulizija vs. Kevin Gatt".*

Ikkonsidrat;

Illi mill-ezami tal-akkuza kif dedotta jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet qed tmexxi kontra l-appellat taht l-artikolu 579 (2) u (3) tal-Kodici Kriminali u mhux skond is-subinciz (1) tal-istess artikolu fejn, dment li l-Qorti ma tkunx tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien ma jkunx wiehed ta' konsegwenza serja, s-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern u jigi mahrug mandat t' arrest. Fil-kaz tas-subinciz (3) il-ligi tiddisponi li l-Pulizija tista' titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna ghalkemm ma tghidx li l-Qorti tkun marbuta li tilqa' din it-talba.

Issa f' dan il-kaz, il-Qorti ma cahditx it-talba kif setghet taghmel, izda astjeniet li tiehu konjizzjoni taghha minhabba interpretazzjoni mhux korretta li jidher li tat lis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fuq citata. F' dik is-sentenza kien gie deciz biss li galadarba il-ksur ta' kundizzjoni tal-Qorti ta' rinkazar jammonta ukoll ghal reat u galadarba wahda mill-pieni li tista' tinghata ghal dak ir-reat hija proprju it-telfien tal-helsien mill-arrest (kemm il-darba jkun hemm talba simili da parti tal-Pulizija) jekk, ghal xi raguni, din ma tinghatax fil-procediment imsemmi fis-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 579 , "*ma jistax jinbeda' procediment iehor u separat..biex il-piena tar-revoka tal-helsien mill-arrest tigi applikata*." Kif del resto jaqblu l-partijiet, din kienet il-portata vera tad-decizjoni ta' din is-sentenza Kostituzzjonali.

Issa f' dan il-kaz it-talba ghat-telfien tal-helsien mill-arrest mhux qed tintalab fi process separat izda ntalbet - kif kellu jsir - flimkien mall-akkuzi dedotti kontra l-appellat fl-istess procediment u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tittratta w tiddeciedi dwar din it-talba w ma setghetx tastjeni li tiehu koniizzjoni taghha kif fil-fatt ghamlet.

Illi ladarba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat u konsidrata il-fedina penali refrattarja tal-appellat, fejn hu gja nstab hati mill-qrati hames darbiet u ukoll instab hati darbtejn ta' disprezz tal-awtorita' tal-Qorti w gja gie kundannat ghall-sentenzi ta' prigunerija sospiza darbtejn fuq reati serji ta' serq aggravat, sekwestru, garr ta' armi w munizzjon bla licenzja w delitti ohra, w konsidrat ukoll li fl-istqarrija tieghu l-appellat xejn ma ikkoopera mall-Pulizija w pprova jmeri s-sewwa maghruf, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva w fejn ikkundannatu xaharejn prigunerija, tirrevokaha fejn iddikjarat li kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-

prosekuzzjoni ghar-ri-arrest u minnflok tilqa' l-istess talba w fil-waqt li tirrevoka d-Digriet tal-helsien mill-arrest tas-26 ta' Novembru, 2007, tordna l-arrest mill-gdid immedjat tal-appellat sakemm jintemmu l-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu fil-kawza l-ohra fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs. Wayne Falzon"

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------